**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR 151034** **11. 05. 2015**

**IL-PRESIDENT TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI ANĠLU FARRUGIA JILTAQA' MA GRUPP TA' STUDENTI GĦAWDXIN MILL-ISKOLA SIR M. A. REFALO 6TH FORM**

Il-President tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia ltaqa' mal-ewwel grupp ta' studenti fil-binja l-ġdida tal-Parlament. Dawn kienu studenti Għawdxin li jattendu l-Iskola Sir M. A. Refalo 6th Form u li kienu mmexxija mis-Surmast Daniel James Cassar flimkien ma' numru ta' għalliema.

Matul din iż-żjara l-għalliema u l-istudenti kellhom l-opportunità jduru l-binja, kif ukoll jagħmlu numru ta' domandi lil Anġlu Farrugia dwar il-ħidma parlamentari, fosthom il-proċess li jrid jiġi segwit biex abbozz ta' liġi jsir Att tal-Parlament.

Fl-okkażjoni ta' din iż-żjara Anġlu Farrugia ġie ppreżentat b'pittura, xogħol tal-artist Għawdxi Mark Sagona li kien ukoll preżenti waqt din iż-żjara.

**Attachments: photos** 

**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775**
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**